# Nota Bene

Ġismi mitluq għajjien
Jiskolpixxi ismek
Taħt is-swar – abbiss ta' bejnietna
Ftit sekondi u
r-ritratt tqatta'
Id-dramm ikkanċellat.
ix-xemx intradmet
Fejn int?
Fejn iserrep dellek?
F'bajjiet abbandunati?
Fi rqajja' minsija?
Idi tmelles il-baħħ wiesa'
Ħarsti mrassa ġo folla tipprova tiftakar
Il-beatrice danteska
In-nota xopenjana
Il-bewsa nerudjana.
Il-kapolavur moħbi
'l isfel jagħfas qalil id-dagħbien
it-terremot tas-sentimenti
is-sospensjoni tar-raġuni
l-impatt tal-ħabta
id-dejn ta' sħab imċallas.
L-imħallfin jaqtgħu rjus il-ħtija
waqt li l-għajnejn jinfetħu u jinbelgħu.
Mistoqsija fissa tagħqad massiva
Fejn int?
Fejn ħrabna?
Wara min tlaqna?
l-imħabba taf tegħja
imma l-mewt biss tikkanċellaha.
Kelma biss fadalli
Frażi bi tliet sillabi
Mingħajr teoriji twal serbut
Mingħajr metafori repetitivi
Misruqa minn antoloġiji privati
Inħobbok.
Int sens komun

Tama
Riforma fissa għall-ġejjieni.

***Sergio Grech***



# Ħitan

Ħitan imġarrfa ġebla frak fuq oħra
fit-toroq waħx tal-Bosnja u Sarajevo.
Imxettla l-Mewt f'kull bejta li rat darba
mal-ħajr l-imħabba, għeruq sħan u hienja.

Ħitan il-maqsab f'nofs t'għelieqi ħadra
'il bogħod mill-għajn, 'il bogħod mill-għagħa ta' beltna.
Iż-żiffa ħelwa li tul l-għodwa tfuqna
inkisret mid-damdim t'inġenji-mostri.

Ħitan id-deff ġo djarna darba mwennsa
bil-fehma ta' l-azzar, bi lġiem is-sewwa,
jitwaqqgħu ta' kuljum fil-ġenn imżeffen
ta' bliet li jiġbru qlub iż-żgħażagħ fiergħa.

Ħitan il-mewġ, ħitan ix-xtajta mġarrfa
tul l-eqqel xhur xitwin li jġorru kollox! …
Kif għamilt int, u nsejt aktar minn darba
ħitan il-qalb li sfat f'idejk imġarrba.

***Alfred Degabriele***

# data base

f'laboratorji storduti
u sodod illuppjati
kromosomi ultra mġienen
ikklonizzaw
wild il-kompjuter

robotika l-mixja,
drogata n-nisġa
ta' utopji virtwali
u vojt mingħajr qies.

***Philip Sciberras***
(1996)